# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXXIX**
**Illum 17 ta' April, 2001**

**Appell Nru 31/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elton Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elton Caruana talli fis-6 ta' Marzu, 2000, ghall-habta tal-11.45 a.m., fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' hwejjeg mill-istabbiliment *Original Levis Store*, liema serq jammonta ghal anqas minn hamsin lira (Lm50) a dannu tas-sidien;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Frar, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Elton Caruana hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Elton Caruana, minnu ppresentat fil-15 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll bil-gurament lil Sylvana Caruana, omm l-appellant; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi, bazikament, illi l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra sew is-segwenti punti: (**1**) il-fatt li huwa ammetta *a tempo vergine* mal-pulizija, quddiem is-sid tal-hanut, bl-obbligazzjoni li jhallas u fuq kollox quddiem il-Qorti tal-Magistrati; (**2**) il-fatt li kien ilu dipendenti fuq id-droga, u li kienet din id-droga li wasslitu biex jisraq; u (**3**) il-fatt li "kien qieghed ifittex biex jirriforma ruhhu mill-problema tad-droga b'appuntamenti mal-Caritas u b'impenn li jaghmel programm, inkluz taht il-gwida ta' ommu".

Din il-Qorti tosserva li fid-diversi verbali kif registrati mill-ewwel qorti, ma hemm ebda verbal fejn giet registrata xi ammissjoni. Jidher, ghalhekk, li kien hemm kontestazzjoni dwar il-htija – kieku kien hemm ammissjoni din kienet

tirrisulta kemm f'xi verbal kif ukoll/jew mis-sentenza appellata. Minn din is-sentenza jidher ukoll li l-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni l-problema tat-tossikodipendenza tal-appellant, allura imputat. Dak li jirrisulta zgur hu li ghal zewg udjenzi – tas-26 ta' Lulju, 2000 u tal-14 ta' Novembru, 2000 – l-appellant ma deherx quddiem il-Qorti Inferjuri u inhareg fil-konfront tieghu mandat ta' akkumpanjament.

Ghalkemm omm l-appellant xehdet li f'dawn l-ahhar xhur binha kien qed jattendi regolarment il-Caritas biex eventwalment – possibilment fi zmien tlett gimghat ohra – jidhol jaghmel il-programm residenzjali f'San Blas, din il-Qorti ma tistax tinjora l-antecedenti penali ta' l-appellant, kif jirrisultaw mill-fedina penali tieghu li l-Qorti ordnat li tigi inserita fl-atti. F'erba' okkazzjonijiet huwa inghata l-oppotunita` li jirriforma ruhhu billi l-qorti, wara li sabitu hati – fosthom ta' serq u ta' pussess ta' droga – illiberatu taht xi wiehed mill-provvedimenti tal-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin. F'okkazzjoni ohra gie mmultat; u fil-25 ta' Marzu, 1999 huwa nghata sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija sospiza ghall tlett snin. Fic-cirkostanzi l-ewwel qorti kienet gustifikata li tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta' xahar prigunerija. Din il-Qorti zzid ukoll li dana l-periodu qasir ta' prigunerija ghandu jservi biex jiftah ghajnejn l-appellant u jurieh x'hemm jistennieh jekk huwa ma jbiddilx hajtu radikalment.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur